jistħarreġ fuqhom biex jirqem bir-reqqa u jagħti l-fehma tiegħu dwar is-siwi u l-fejda tagħhom.

Aħna ħriġna dan il-ktieb b'tifkira għażiża ta' Cremona bħala s-Sur Nin, ħabib tal-qalb u d-dekan fost il-Membri Akkademiċi. Ħassejna ruħna fid-dmir li nagħmlu hekk mhux biss għax is-Sur Nin kien wieħed mill-Fundaturi tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", illum l-"Akkademja tal-Malti" u għal bosta snin Viċi-President tagħha, imma wkoll għax baqa' sa l-aħħar miġbud lejha u jħabrek, u telaq biss minn Viċi-President meta ħass ruħu ma jiflaħx jistinka aktar, kif kitbilna hu nnifsu f'waħda mill-aħħar ittri tiegħu.

Il-ħsieb tagħna meta ħriġna dan il-ktieb kien li nfasslu xbieha tas-Sur Nin bħala l-bniedem umanitarju li kien, bniedem ta' sentimenti għoljin, ħabib tassew, u mimli tjieba lejn għajru, kif jafuh dawk kollha li kellhom ix-xorti jagħmluha miegħu.

---

# LIL NINU CREMONA

**Ta' ROSAR BRIFFA**

Rajtek il-għolja titla' bit-tbatija,
Il-għolja tal-għolliq
U tal-ħorrieq
U drabi kont felħan,
U drabi bla serħan;
'Ma l-lehma waħda biss.

Illum 'il fuq wasalt ...
Mhux iżjed il-għolliq,
Mhux iżjed il-ħorrieq:
Illum il-ferħ,
U s-serħ.
Twarrad ma' dwarek
Ras il-għolja llum;
Tgħammex 'l għajnejk illum
Xemx is-sbuħija,
U ssaħħan demmek
Fix-xjuħija
Li tisboq
Ta' ħaddieħor iż-żgħożija.



# NINU CREMONA D.Litt

**Ta' GODFREY ZARB ADAMI**

Madwar mitejn sena ilu kien hawn min ifiehem li biex artna tgawdi l-jeddijiet tal-ħelsien jeħtieġ li l-poplu jkun jista' jsemma' leħnu, u l-aktar fl-għażla ta' dawk li jmexxu l-pajjiż. Imma dawn kienu jafu wkoll li ħaġa bħal dik ma setgħetx issir sewwa jekk qabel xejn il-poplu ma jkunx jaf jaqra u jikteb sabiex ikun jista' juża moħħu f'dik il-għażla u mhux iħalli min imexxih minn imnieħru. Huma fehmu wkoll li dan kien isir biss possibbli jekk l-ilsien tal-poplu, l-Ilsien Malti jieħu postu fil-qasam edukattiv. Jaħasra, lill-mexxejja barranin dan ma għoġobhomx, u l-anqas ma għoġob lil xi taparsi Maltin li kienu jindiehsu magħhom għax ma ridux min jindaħlilhom, riedu jibqgħu jmexxu kif kien qabel lilhom u jerdgħu lill-fqir. Mikiel Anton Vassalli ra l-ħabs, daq it-turufnament, tqies bħala ġakbin, kellu ftit żmien ta' hena meta sab wieħed li fehmu, u miet fil-faqar.

Għaddew is-snin, u minn żmien għal ieħor kienet terġa' tibda tinħass il-ħtieġa ta' tqanqila popolari sabiex jintlaħaq dak l-istess skop; u kien hawn ukoll min wieġeb u ħadem: saru għaqdiet u xirkiet, saru studji u mossi politiċi, imma x-xitan dejjem deffes denbu u qanqal nuqqas ta' ftehim u ħtija t'hekk, sa kważi ħamsin sena ilu, bqajna bejn wieħed u ieħor kif konna: qaddejja tal-barrani li fuqna kien ipoġġi biex jitpaxxa. Ma nkunux ġusti ma' l-istorja, iżda, jekk ma nżidux ngħidu li kien hawn ukoll barranin li fehmu l-qagħda tagħna u għamlu ħilithom biex igħinuna; bla dubju ta' xejn, il-ħidma tagħhom tat frott li biż-żmien bdejna bil-mod il-mod, u mhux bla sforzi min-naħa tagħna, ingawduh u nberkuh.

Minn dawk fost ulied Malta li ħadmu bl-iskop li ġa semmejna jiġuna bħalissa f'moħħna De Soldanis, Panzavecchia, Busuttil, A.M. Galea, A. Preca, A.E. Caruana, il-Kan. Pullicino, Zerafa, Sig. Savona; ma' dawn kien hemm żgur ukoll qalbiena oħrajn li taw il-kontribut tagħhom. Imma l-ħsieb tagħna llum mhux li nagħmlu l-istorja "mdemma" ta' l-Ilsien Malti, iżda li nagħtu ħjiel ta' dak li sar minn ma' dwar ħamsin sena ilu 'l hawn.

Wara tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija li ma' tulha Malta kienet saret in-"nurse" tal-Mediterran u li bosta minn uliedha kienu taw ħajjithom f'dik il-ġlieda qalila li qerdet miljuni, reġgħet bdiet tinħass f'artna x-xewqa għal akbar libertajiet politiċi, imsejsin fuq is-sistema demokratiku. Iżda bħal fl-imgħoddi dan ma setax iseħħ sewwa